**17 ta' Frar, 1987**

**Imhallef: –**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Il-Qorti

*versus*

Filomena Esposito

**Disprezz Lejn l-Awtorità tal-Qorti**

*Appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li sabet lill-appellanti*

*ħatja ta' disprezz dwar l-awtorità tal-Qorti. L-appell sar quddiem il-Qorti ta' l-Appell komposta minn Imħallef wieħed.*

*Rassenja utili ta' ġurisprudenza dwar il-materja ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti. Sentenzi għad-disprezz in faciem curiae huma inappellabbli. F'dawk il-każijiet fejn huwa permess appell, l-Appell isir quddiem il-Qorti ta' l-Appell kolleġġjalment ikkostitwita. L-Appell kien irritu u null.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta li biha l-konvenuta ġiet imħarrka biex tgħid għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata għal xi waħda mill-pieni kkontemplati fl-artikolu 996 tal-Proċedura Ċivili jew għal kull piena oħra applikabbli għall-każ, wara li tiġi ddikjarata ħatja ta' disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti, billi fil-mori tal-kawża fl-ismijiet "Filomena Esposito kontra Norman Vassallo" (Avviż 548/1985CC) pendenti quddiem dik il-Qorti u differita għall-24 ta' Settembru, 1986, bidlet is-serratura tal-fond *Block 4, Flat 2,* St. Lawrence Street, L-Isla, u għalqet barra minnu lil Norman Vassallo, minn liema fond hija qiegħda titlob l-iżgumbrament ta' Vassallo permezz ta' dik il-kawża;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li fil-waqt li ammettiet bħala fatt li kienet bidlet is-serratura tal-fond imsemmi fil-pendenza tal-kawża indikata kif imsemmi fiċ-ċitazzjoni, b'dana kollu dan il-fatt ma jikkostitwiex dispress lejn l-Awtorità tal-Qorti;

Rat id-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta mogħtija fid-29 ta' Ottubru, 1986, li biha sabet lill-konvenuta ħatja ta' disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti, u wara li rat l-artikolu 996 tal-Proċedura Ċivili u wara li kkunsidrat li hija ta' età avanzata u l-piena karċerarja fil-każ tagħha m'hijiex indikata,

ikkundannatha għall-multa ta' tliet mitt lira (Lm300) u għall-ispejjeż ta' dik il-proċedura, u dana wara li kkunsidrat illi:

1. Fit-trattazzjoni orali d-difensur tal-konvenuta ssottometta li bil-fatt li din kienet bidlet is-serratura tal-fond in kwistjoni fiċ-ċirkostanzi msemmijin, hija kienet talvolta kkommettiet spoll jew illediet xi dritt ta' Vassallo, iżda m'hijiex dispress lejn l-Awtorità tal-Qorti. Dan *se mai* kellu l-fakoltà jaġixxi kontra l-konvenuta bl-azzjoni opportuna skond il-liġi, imma l-konvenuta ma għandhiex tkun ħatja ta' disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti;

2. Kif ammess minnha, il-konvenuta kienet ipproċediet b'ċitazzjoni quddiem din il-Qorti għall-iżgumbrament ta' Norman Vassallo mill-fond imsemmi; permezz ta' din l-azzjoni kienet issottomettiet il-kwistjoni ta' dan l-iżgumbrament għad-deċiżjoni tal-Qorti. Għalhekk meta bidlet is-serratura tal-fond b'mod li effettivament żgumbrat minnu lil Vassallo qabel ma ngħatat id-deċiżjoni relattiva tal-Qorti ma jistax ikun hemm dubju li b'dak l-aġir il-konvenuta rrendiet ruħha ħatja tad-disprezz imputat lilha;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmija Filomena Esposito ppreżentat f'din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 1986, li bih għar-raġunijiet minnha sottomessi talbet lil din il-Qorti li tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija tad-29 ta' Ottubru, 1986, u tilliberaha minn kull akkuża u imputazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut Norman Vassallo *(sic)*;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Diċembru, 1986 li minnu jirriżulta li l-Qorti ordnat lid-difensur ta' l-appellanti jittratta l-punt jekk dan l-appell kellux isir lil din il-Qorti komposta minn

ġudikant wieħed jew inkella lil din il-Qorti kolleġġjalment komposta;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensur ta' l-appellanti;

Ikkunsidrat dwar l-imsemmi punt issollevat *ex officio* mill-Qorti;

Id-disposizzjoni tal-liġi li tirregola l-appell preżenti tinsab taħt it-Titolu XVII, intitolat "Fuq ir-Rispett li għandu jinġieb lill-Qorti", tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 9, Ediz. Riv. 1984), liema Tielet Kiteb huwa *a sua volta* intitolat "Fuq Materji Partikolari tal-Proċedura Ġudizzjarja". Infatti l-artikolu 1003 taħt dak it-Titolu jirregola appelli minn sentenzi mogħtija għal disprezz u wara li jiddisponi li m'hemmx appell minn sentenza mogħtija għal disprezz *in faciem curiae* jgħaddi biex jgħid li "fil-każijiet l-oħra kollha mis-sentenzi mogħtija taħt dan it-Titolu minn Qorti li ma tkunx il-Qorti ta' l-Appell jew il-Qorti Kostituzzjonali jista' jsir appell lill-Qorti ta' l-Appell, liema appell għandu jsir b'rikors li għandu jiġi ppreżentat fi żmien jumejn minn dak in-nhar tas-sentenza";

Ikkunsidrat:

L-imsemmi punt diġà ġie ttrattat u deċiż mill-Qorti ta' l-Appell kolleġġjalment komposta fil-kawża: "Il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta *vs* Dr. Enrico Mizzi LL.D.", 30 ta' Ġunju, 1936 (Kollez. Deċ. Vol. XXIX.I.708). F'dik il-kawża li kienet tirrigwarda disprezz għall-awtorità tal-Qorti l-appellant kien appella minn deċiżjoni

tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Għira ta' Malta b'żewġ rikorsi – wieħed lill-Qorti Kriminali kif kostitwita taħt l-artikolu 417 tal-Liġijiet Kriminali (illum l-art. 418 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9. Ediz. Riveduta ta' l-1984) u ċjoè lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kostitwita minn Imħallef wieħed, u l-ieħor lill-Qorti ta' l-Appell kolleġġjalment komposta. Din l-aħħar Qorti daħlet fil-kwistjoni liema kienet il-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' l-appell u waslet għall-konklużjoni, għar-raġunijiet minnha msemmija, li l-kliem *"Court of Appeal"* użati fl-art. 1019 tal-Liġi tal-Proċedura (illum l-art. 1003 fuq imsemmi) "għandu jfisser u ma jistax ifisser ħlief din il-Qorti" u li l-appell f'dik il-kawża kellu jsir lilha u hi biss kienet kompetenti biex tieħu konjizzjoni tiegħu;

Il-Qorti hi tal-fehma li r-raġunijiet li wasslu lill-Qorti ta' l-Appell kolleġġjalment komposta fl-imsemmija kawża li tirritjeni li hi biss kienet kompetenti tieħu konjizzjoni ta' appell mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta japplikaw anke fil-każ preżenti fejn minflok qiegħed isir appell lill-Qorti ta' l-Appell kolleġġjalment komposta qiegħed isir appell lill-Qorti ta' l-Appell magħmula minn Imħallef wieħed;

Fost dawk ir-raġunijiet hemm dawk li jinġibdu mill-ispirtu ta' l-istess liġi. Oriġinarjament sas-sena 1913 il-liġi ma kinitx tagħti appell minn ebda sentenza ta' disprezz mingħajr ebda distinzjoni jekk id-disprezz sarx quddiem il-Qorti jew le u dan aktarx għaliex, fil-kliem tas-sentenza fuq iċċitata, "is-sens ta' dekor u ta' l-awtorità ta' kull Qorti, hi liema hi, hu hekk inerenti għaliha, u għalhekk l-eżerċizzju ta' dik l-awtorità huwa hekk intimu u delikat illi l-liġi ma dehrilhiex li għandha tindaħal fih jew tħalli Qorti oħra, għalkemm aktar għolja, li tissindikah". Meta mbagħad bl-Ordinanza XV ta' l-1913 saret id-distinzjoni

fuq imsemmija, li biha sentenzi għad-disprezz *in faciem Curiae* baqgħu inappellabbli, iżda ngħata appell għal *każijiet oħrajn*, il-leġislatur, fil-kliem tas-sentenza fuq iċċitata, "ma warrabx għal kollox il-prinċipju ta' qabel u ħass u ried illi l-appell kellu jitressaq quddiem l-ogħla u l-aqwa Qorti ta' dawn il-Gżejjer li hija apppuntu din il-Qorti **wkoll għaliex hija kostitwita minn tliet Imħallfin"** (sottolinear tal-Qorti);

Tista' tissemma wkoll raġuni oħra u ċjoè li l-Qorti ta' l-Appell kolleġġjalment komposta ġiet b'liġi espressa (art. 44 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12, Ediz. Riv. 1984), mogħtija s-setgħa li tiddeċidi wkoll il-kawżi l-oħra kollha li b'disposizzjoni espressa tal-liġi huma mħollijin għaliha. Il-Qorti ta' l-Appell kolleġġjalment komposta għalhekk, barra mill-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha, għandha wkoll waħda straordinarja taħt id-disposizzjonijiet espressi tal-liġi, fosthom dik taħt l-imsemmi art. 1003 li jikkontempla appuntu appelli lill-Qorti ta' l-Appell minn sentenzi għal disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti;

Il-Qorti tirritjeni li ma jistax jingħad illi billi l-artikolu 1003 fuq imsemmi juża l-kliem "Qorti ta' l-Appell", allura wieħed għandu wkoll jifhem il-Qorti ta' l-Appell kostitwita minn Imħallef wieħed. Il-kliem "Qorti ta' l-Appell" billi huma mingħajr iż-*żieda ta'* ebda kwalifika, fil-fehma tal-Qorti, għandhom jiftehmu bħala li jirriferixxu għall-Qorti ta' l-Appell kif normalment kostitwita u ċjoè skond l-art. 41(1), Kap. 12 (Ediz. Riv. 1984) fejn jingħad li hija magħmula mill-President u żewġ Imħallfin oħra. Kieku l-leġislatur ried jinkludi taħt dawk il-kliem anke l-Qorti ta' l-Appell kostitwita minn Imħallef wieħed f'każ ta' appelli mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, kien jesprimi ruħu mod ieħor;

L-appell preżenti għalhekk imissu sar quddiem il-Qorti ta' l-Appell kolleġġjalment komposta u billi ġiet adita din il-Qorti kkostitwita minn Imħallef wieħed għandu jiġi kkunsidrat bħala irritu u null;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara illi l-appell interpost quddiemha mill-imsemmija Filomena Esposito huwa irritu u null. L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu mill-appellanti.